MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 737/2014

**Fair Deal Furniture (Malta) Ltd**
**C 49949**

**Vs**

**Dimbros Ltd**
**C 32506**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-7 ta' Novembru, 2014 fejn is-socjeta' attrici talbet illi hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta fl-ammont ta' elfejn ewro (€2,000) rapprezntanti bilanc ta' hlas fuq ordni xoghol tal-ghamara li saret fuq ordni taghha stess u dan kif jidher mill-fatturi annessi u mmarkati Dok A u Dok B.

Illi dan il-hlas sar permezz ta' cekk bin-numru 82 u datat l-20 ta' Jannar 2014 (anness u mmarkat Dok C), liema cekk ma seta' qatt jissarraf minkejja diversi tentattivi da parte tas-socjeta' attrici;

Illi ghalhekk is-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi permezz ta' zewgt ittri legali datati t-3 ta' April, u d-disgha (9) ta' Gunju, 2014 rispettivament (annessi u mmarkati Dok D u E) din baqghet inadempjanti;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici umilment titlob li dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu:

1. Jiddikjara lis-socjeta' konvenuta debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elfejn ewro (€2,000);

2. Jordna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ammont dovut.

Bl-ispejjez u interessi legali kollha.

Is-socjeta' konvenuta debitament notifikata baqghat ma dehritx u lanqas ipprezentat risposta ghat-talba mitluba kontriha.

Dehret Dr Christine Borg ghas-socjeta' attrici li 'kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont ta' elfejn ewro (€2,000) ghadu dovut sa llum u ma thallas xejn minnu fil-mori tal-kawza.

It-Tribunal ra ‘lli ma giet ipprezentata ebda risposta.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ammont ta' elfejn ewro (€2,000) lis-socjeta' attrici. Bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-avviz  sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------